TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

K

Avviż Numru CCT 53/14-F

**Emanuel Xuereb**

**vs**

**C. Fino & Sons Ltd.**

Illum 24 ta' Ġunju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Marzu, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u sittin ewro (€160), rappreżentanti *parquet* li kellu jinbidel minħabba li ġralu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *parquet* ta' l-għamla '*vintage travelling oak*' u kien żamm ftit *parquet* żejjed għal li jista' jkun, u fil-fatt kellu juża dawn it-tliet kaxxi żejda minħabba l-fatt illi l-*parquet* ġralu l-ħsara u tela'.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet verbalment għaliex ma ssottomettietx risposta bil-miktub, illi l-*parquet* tela' minħabba problema ta' l-umdita', stante li fejn tela' huwa viċin il-kċina u l-kamra tal-banju, u probabbli daħal xi ilma taħt il-*parquet*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata mhux qed tikkontesta l-ammont ta' mija u sittin ewro (€160), pero' qed tikkontesta r-raġuni għalfejn il-*parquet* ġralu l-ħsara.

It-Tribunal, jinnota li għalkemm ir-rikorrenti ma ġabx prova xjentifika ta' x'seta' ġara, anqas is-soċjeta' ntimata ma ġabet dik il-prova xjentifika sabiex tikkonvinċi lit-Tribunal li dak li qed jgħid ir-rikorrenti mhuwiex minnu, pero' t-Tribunal qed jikkunsidra l-fatt illi s-soċjeta' ntimata mhux qed tikkontesta l-ammont ta' mija u sittin ewro (€160).

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u sittin ewro (€160), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888